6 ta' Ġunju, 1949

**Imħallef :**

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

**Mary Paris *versus* Giuseppa Schembri**

## Inġurja — Kwerela — "Animus Injuriandi".

*Meta l-imputazzjoni hija ta' inġurja, u mhux ta' inġurja gravi, il-Maġistrat ma jistax "motu proprio" jaggrava l-imputazzjoni, u jagħmel dikjarazzjoni ta' reità li taqbeż barra mit-termini tal-kwerela u taċ-ċitazzjoni.*

*Il-fatt li mara tamoreġġja ma' raġel miżżewweġ ma jikkostitwix inġurja kontra l-mara ta' dak ir-raġel; għax b'daqshekk ma jitbaxxiex is-sentiment tad-dinjità personali ta' mart dak ir-raġel, u lanqas tonqosha l-istima ta' ħadd ieħor. Dik il-mara miżżewġa tista' tħoss dispjaċir, u tista' wkoll iħoss dispjaċir għaliha ħadd ieħor, imma l-unur u r-riputazzjoni tagħha ma jiġux preġudikati bl-amoreġġjamenti ta' żewġha ma' mara oħra.*

*In kwantu għall-element intenzjonali f'każ simili, il-mara li tkun tamoreġġja mar-raġel ta' l-oħra jista' jkollha intenzjonijiet oħra; imma ma hux loġiku li wieħed jgħid li l-intenzjoni tagħha hi dik li tnaqqas l-unur tal-kwerelanti.*

L-imsemmija Mary Paris għamlet kwerela għal inġurja kontra l-imsemmija Giuseppa Schembri. Skond it-termini tal-kwerela (fol. 2 ta' l-inkartament) l-inġurja hi magħmula tikkonsisti filli l-kwerelata (kif ġie allegat) iltaqgħet ma' żewġ il-kwerelanti fit-3 ta' Marzu 1949 f'Għajn Dwieli Road, limiti ta' Bormla, fis-7.30 ta' fil-għaxija, u kienet ħierġa miegħu minn għalqa;

Il-Qorti tal-Maġistrati ta' Malta, sedenti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, b'sentenza tagħha tal-5 ta' April 1949, sabet lill-kwerelata ħatja ta' inġurja gravi u kkundannatha

għall-multa ta' £1, minbarra li ordnat li l-ispejjeż proċesswali jitħallsu minn l-istess kwerelata;

Il-kwerelata appellat;

Trattat l-appell, din il-Qorti kkunsidrat;

Kwantu għall-fatti saru d-dikjarazzjonijiet verbalizzati fol. 11;

Dr. Ganado, għall-kwerelata, enunċja l-fatt bħala li, fil-jum imsemmi fiċ-ċitazzjoni, il-kwerelanti rat lil żewġha mal-kwerelata. Dr. Depasquale żied li l-kwerelanti kienet ammoniet dwar daqshekk lill-kwerelata anki f'okkażjonijiet oħra qabel dak in-nhar;

Għall-finijiet ta' din is-sentenza l-fatti jistgħu jittieħdu, għalkemm merament "ex hypothesi", bħal ma huma allegati fiċ-ċitazzjoni, li tifforma l-imputazzjoni. Dawk il-fatti, kif allegati, jirrakkjudu evidentement imputazzjoni ta' amoreġġjamenti. Għalhekk in sostanza l-pożizzjoni hi din: il-kwerelanti ssostni illi l-amoreġġjamenti minnha allegati bejn il-kwerelata u żewġ il-kwerelanti jikkostitwixxu ngurja għad-dannu tal-kwerelanti;

Biex jiġu skansati ekwivoċi, għandu jiġi partikolarment notat illi n-"nodus juris", u l-kompitu ta' dina l-Qorti f'din il-kawża, hu sempliċement dak jekk il-fatt li mara tamoreġġja ma' raġel miżżewweġ jikkostitwix inġurja kontra l-mara ta' dan ir-raġel. Dawn huma t-termini taċ-ċitazzjoni, u dawn huma l-limiti tal-kontroversja odjerna—xejn aktar. Din il-Qorti ma hijiex imsejħa tgħid xejn dwar l-aspett morali jew aspetti oħra ġuridiċi tal-fatt allegat;

Preliminarment, għandu jingħad (anki biex ċerti irregolaritajiet ma jitqiesux donnhom sanzjonati b'nuqqas ta' komment dwarhom) li, ġà ladarba l-imputazzjoni kienet ta' inġurja, u mhux ta' inġurja gravi, il-Maġistrat ma setax, kif għamel, jaggrava "motu proprio" l-imputazzjoni, u jagħmel dikjarazzjoni ta' reità li taqbeż barra mit-termini tal-kwerela u taċ-ċitazzjoni;

Fil-meritu, kif fuq determinat;

Is-soluzzjoni ma għandhiex toffri diffikultà jekk jinżammu ċar l-elementi ta' l-inġurja. L-element materjali ta' l-inġurja jikkonsisti fi kliem jew f'fatt ("dictum vel factum") li joffendi l-unur u r-reputazzjoni ta' ħadd ieħor. L-element intenzjonali jikkonsisti, kif esprima ruħu l-awtur Manducca

(Giustizia Penale, Vol. IV, p. 715) ,"nel sapere che con quell'atto si viene a ferire la reputazione altrui";

Mela, biex wieħed jista' jasal għall-konklużjoni li wasal għaliha l-Maġistrat, hemm bżonn li jkun jista' jgħid li l-fatt lamentat (f'dan il-każ amoreġġjamenti) ibaxxi s-sentiment tad-dinjità personali tal-kwerelanti, jew inaqqsilha l-istima ta' ħadd ieħor. Jingħad "ibaxxi s-sentiment tad-dinjità personali", fis-sens li l-inġurjant ikun qiegħed jimputalha (bil-kliem jew bil-fatt) xi ħaġa avvilenti, b'mod li dan l-inġurjant juri illi (kif jgħid il-Carrara, P. Spec., Vol. III, paġ. 11) "la tiene a vile";

Issa, hu ta' evidenza palmari illi l-fatt li mara tamoreġġja ma' żewġ mara oħra (apparti dejjem aspetti oħra morali u ġuridiċi) ma hux tali li jirrakkjudi imputazzjoni ta' xi ħaġa avvilenti lill-mara miżżewġa b'mod li jnaqqsilha s-sentiment tad-dinjità personali tagħha, u ċertament anqas inaqqsilha l-istima ta' ħadd ieħor. Dik il-mara miżżewġa tista' tħossha dispjaċuta, u min jafha jħoss dispjaċir għaliha; imma l-unur u r-riputazzjoni tagħha ma jigux preġudikati bl-amoreġġjamenti ta' żewġha ma' mara oħra;

Lanqas jikkonkorri l-element intenzjonali. Il-mara li, "ex hypothesi", tkun qiegħda tamoreġġja ma' żewġ l-oħra, jista' jkollha intenzjonijiet oħra; imma ma hux loġiku li wieħed jgħid li l-intenzjoni tagħha hi dik li tnaqqas l-unur ta' l-oħra;

Milli jidher, il-Maġistrat żvija ruħu peress li, fl-ilsien maltì jingħad li wieħed "joffendi" jew "jagħmel tort" lil ħadd ieħor meta jikkaġunalu dispjaċir. F'dan is-sens l-amoreġġjamenti joffendu lill-mara miżżewġa fl-ipotesi fuq imsemmija, imma dan ma hux is-sens ta' l-inġurja bħala reat politikament imputabili. Ma għandux jintnesa illi l-inġurja, bħala reat kriminalment persegwibili, ma għandhiex aktar is-sens ampju li kien jingħata lill-kelma "injuria" fiż-żminijiet klassiċi rumani, jiġifieri "quidquid non jure fit", imma tirriferixxi biss għal dak li joffendi l-unur ta' ħadd ieħor;

L-insostenibilità ta' l-assunt tal-Maġistrat tidher ċar meta wieħed japplika t-test suġġerit mill-Odgers (On Libel and Slander), jiġifieri jekk il-fatt "engenders an evil opinion of the plaintiff in the minds of right-thinking men". Issa ma hux affattu loġiku li jingħad li min jisma' li żewġ dik il-mara qie-

għed jamoreġġja ma' ħadd ieħor, allura, minħabba f'hekk, tinġenera ruħha fih opinjoni ħażina ta' dik il-mara miżżewġa għax tradita minn żewġha. Jista' biss iħossu dispjaċut għaliha, imma mhux jistmaha anqas għax żewġha jogħġbu jivvjola l-obligu tiegħu tal-fedeltà konjugali;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Din il-Qorti tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell, tiddikjara l-kwerelata mhix ħatja ta' l-inġurja lilha addebitata, u tilliberaha;

Stante ċ-ċirkustanzi tal-każ tordna li l-ispejjeż kollha jibqgħu mingħajr taxxa. Onorarju tad-difensuri 12s. għas-seduta tat-23 ta' Mejju 1949, u 8s. għal kull seduta oħra.